MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2004

Numru 512/1994

Il-Pulizija
(Spetturi Kevin Ellul Bonici u Spettur
illum Supretendent Emmanuel Cassar)

Vs

Tommaso Montalto

Carmelo Gatt

Edward Buhagiar

Illum 31 ta’ Awissu 2004

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputati:

Tommaso Montalto bin Ignazio u Guiseppina nee Corsini, imwieled Marsala, Sqallia, u joqghod Kappara, ta’ karta ta’ identita’ numru 50789(A);

Carmelo Gatt bin Joseph u Annetta nee Sciberras, imwieled Qormi u joqghod Sliema, ta’ karta ta’ identita’ numru 446936(M);

Edward Buhagiar bin Carmelo u Bernarda nee Scicluna, imwieled Alexandria, l-Egittu u joqghod Hamrun, ta’ karta ta’ identita’ numru 621857(M).

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. kontra Tommaso Montalto u Carmelo Gatt wahedhom, talli:

(a) ghamlu falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ billi iffalsifikaw diversi fatturi kummercjali u skritturi kummercjali ohra, mahruga minn kumpaniji jew u individwi u relatati ghal hlasijiet ta’ makkinarju u artikli ohra in konessjoni ukoll ma’ facilitajiet ta’ self minn banek kummercjali; u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-imsemmija atti , kitba jew skritturi foloz (artikolu 183 u 184 tal-Kap 9);
(b) b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti

immaginarji, ghamlu qliegh ta' circa Lm500,000 (nofs miljun liri maltin), bi hsara ta' Mid-Med Bank Limited, Investment Finanace Bank, Galtom Ltd, St John Textiles Ltd u diversi kumpaniji u individwi ohra in konnessjoni mal-fatti fuq imsemmija (artikolu 308 tal-Kap 9);

(c) halfu l-falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament in konnessjoni mal-fatti fuq imsemmija (artikolu 108a tal-Kap 9).

2. kontra Edward Buhagiar wahdu:

talli irrenda ruhhu komplici fir-reati kommessi minn Tommaso Montalto u Carmelo Gatt billi xjentement ghenhom jew assistihom fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat (artikolu 42d tal-Kap 9).

3. kontra Tommaso Montalto wahdu:

talli approprja ruhhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra, minn diversi somom ta' flus ta' haddiehor, kommplessivament ammontanti ghal aktar minn Lm100,000, liema somom ta' flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu li jsir uzu minnhom specifikat u dan in konnessjoni ma' diversi 'bank drafts' ta' banek kummercjali (artikolu 293 tal-Kap 9).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ezaminat il-provi fil-process;

Rat li l-Avukat Generali hareg l-Artikoli (folio 593) u semghet l-imputati jwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstemgha sommarjament;

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Novembru 2003 u tal-1 ta' Dicembru 2003;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li ghogobhom jissottomettu l-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi f'dan l-ewwel stadju ta' din is-sentenza l-Qorti ser tillimita li titratta l-preskrizzjoni sollevata mid-difiza fuq l-imputazzjonijiet kif dedotti mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju fejn elenka l-Artikoli tal-ligi li bihom dehrlu li tista tinstab htija kontra l-imputati. Ir-reati li bihom l-imputati huma akkuzati, fuq l-istregwa tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali, huma dawk ta' falsifikazzjoni, frodi, spergur u fil-kaz ta' l-imputat Tommaso Montalto b'misapproprjazzjoni indebita.

Illi r-regoli li japplikaw ghall-kaz fir-rigward il-preskrizzjoni huma:

l-ewwel: li l-azzjoni kriminali taqa bi preskrizzjoni:
- gheluq 20 sena ghal delitti soggetti ghall-piena ta' prigunerija l-fuq minn 20 sena;
- gheluq 15 il-sena ghal delitti soggetti ghall-piena ta' prigunerija ta' bejn 9 snin u 20 sena;
- gheluq 10 snin ghal delitti soggetti ghall-piena ta' prigunerija ta' bejn 9 snin u 4 snin;
- gheluq 5 snin ghal delitti soggetti ghall-prigunerija ta' bejn sena u 4 snin;
- gheluq sentejn ghal delitti soggetti ghall-prigunerija ta' anqas minn sena jew il-multa;
- gheluq tlett xhur ghall-kontravenzjonijiet.

t-tieni: - li fid-dekor taz-zmien titqies il-piena li r-reat ikun ordinarjament soggett u ma tigix kunsidrata, sija kull skuza jew cirkostanza ohra li tnaqqas il-piena, sija kull awment stante r-recidiva;

t-tielet: - li z-zmien jibda jiddekorri ghal dak li hu reat kontinwat mill-ahhar ksur tal-ligi;

r-raba: - li l-ksur tal-preskrizzjoni ghandu effett kontra dawk kollha li jkunu hadu sehem fir-reat;

l-hames: - li l-preskrizzjoni hi applikata ‘ex officio’ u l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

Illi fil-kaz in-disamina l-imputati tressqu b’arrest fis-6 ta’ Ottubru 1994 u l-imputazzjonijiet li bihom huma akkuzati, ghar-rigward dawk li huma komuni fil-konfront taghhom kollha, huma:

- l-fasifikazzjoni ta’ atti pubblici, kummercjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku u l-uzu tal-istess taht l-artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 li hija milquta bil-preskrizzjoni ta’ hames snin;

- it-truffa aggravata taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 li fil-kaz in ezami hi milquta bi preskrizzjoni ta’ 10 snin;

- il-frodi innominat taht l-artikolu 309 tal-Kap 9 li hi milquta bi preskrizzjoni ta’ sentejn;

Illi hemm akkuzi li m’humiex dedotti kontra l-imputati flimkien. Dawn huma:
- r-reat ta’ gurament falz taht l-artikolu 108(a) tal-Kap 9 fil-konfront ta’ Tommaso Montalto u Carmelo Gatt li hu milqut bi preskrizzjoni ta’ sentejn;
- r-reat ta’ approprjazzjoni indebita b’cirkostanzi aggravanti fil-konfront ta’ Tommaso Montalto wahdu li hi milquta bi preskrizzjoni ta’ hames snin;

Illi dwar l-origini tal-akkuzi huma jirrgwardaw irregularitajiet li kienu allegatament gew imwettqa in konnessjoni ma’ avanzi ta’ facilitajiet bankarji pprovduti mill-Mid-Med Bank u l-investiment Finance Bank lil zewg kumpaniji li kienu ‘Galtom Company Limited’ u ‘St John Textiles Industries Limited’ li taghhom l-imputat Tommaso Montalto kien Chairman u l-imputati l-ohra impjegati u kellhom segwitu minn inkjesta li kien ikkonduca s-Sur Imhallef John Anastasi.

Illi fix-xhieda tieghu l-ufficjal prosekutur ta' allura, l-Ispettur Kevin Ellul Bonici, kien stqarr li l-akkuzi kienu jikkoncernaw l-perjodu ta' qabel l-1987. Dan hu proprju hekk u hu konfermat mid-dokumenti esebiti in atti.

Illi fuq l-iskorta ta' dan ghandu jkun car li l-akkuzi kollha tranne dik koncernanti l-frodi aggravata mhumiex aktar azzjonabbli stante li l-azzjoni ttiehdet ferm wara l-gheluq l-perjodu preskrittiv. Jinghad ukoll li fil-konfront tal-fuq imsemmija akkuzi, li gew estinti minhabba preskrizzjoni, l-Artikolu 18 tal-Kap 9, li jittratta r-reat kontinwat, ma jbiddel assolutament xejn mill-posizzjoni stante li ghalkemm hu kontemplat awment fil-piena sa zewg gradi, dan hu f'kull kaz wiehed diskrezzjonali u mhux tassattiv. Hawnhekk, allua, din il-qorti taghmilha cara li mhux qeghdha tfisser li dan l-Artikolu 18 jiggova l-preskrizzjoni. Li qeghdha tghid hu li l-artikolu citat li hu kunsidrat bhala finzjoni guridika jiggova lill-agent mill-aspett tal-piena u ghal dak li hi preskrizzjoni hu l-Artikolu 691 li hu u jibqa applikabbli b'daqstant li mentri z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jidekorri mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi jibqa' pero' soggettat ghal-dik il-piena kontemplata ghar-reat specifiku minghajr konsiderazzjoni ghal ebda awment fil-piena.

Illi ghal dak li hi l-frodi aggravata taht l-artikolu 308 u 310 tal-Kap 9 il-preskrizzjoni mhiex applikabbli. Jehtieg ghalhekk li fuq l-iskorta tal-provi u d-dokumenti in atti jsiru d-debiti konsiderazzjonijiet dwar jekk ir-reat jinsabx pruvat kontra wiehed jew xi whud mill-imputati. Issa ghandu jkun car li biex jissusisti dan ir-reat hu necessarju li jkunu pruvati l-elementi kostituttivi tieghu li huma r-raggiri u l-artifizji. Irid jigi dimostrat l-messa in scena. Fil-kaz in disamina din il-qorti ma tarax li dawn jirrisultaw ghal ta' l-anqas fejn ir-reat jinghad li gie maghmul fil-konfront tal-Banek imsemmija fl-akkuza specifika. Ir-reat bilfors li hu abbinat mal-importazzjoni ta' makkinarju li m'hemmx dubbju rrisulta kemm inkomplet u kemm inveritier ghal dak li hu l-valur tieghu. Fl-isfond pero' tal-akkuza tat-truffa fil-konfront tal-Banek din il-qorti difficilment tara li tista' treggi. Assolutament ma tirriavvissax ir-raggiri u l-artifizji konsistenti fl-uzu ta' ismijiet foloz, ta' kwalifiki foloz, jew l-utilizzar ta' qerq jew ingann jew billi gie muri haga b'ohra

sabiex jigi mgieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor. Huwa sintomatiku f'dan il-kaz li l-makkinarju kien gie fisikament spezzjonat barra minn Malta mhux biss mid-diretturi tal-Bank li kienu ser javanzaw il-flus izda gie wkoll certifikat mill-perit tal-Koporazzjoni ghall-Isvilupp li kien almenu jiccertifika li l-makkinarju jkun wasal Malta u impoggi fir-rispettivi fabbriki sabiex jippermetti lill-Banek li javvanzaw lill-istess kumpaniji l-ammont sa percentwali ta' kull partita makkinarju li kienet tigi minn barra u nstallata fil-fabbriki destinat ghalihom. Dwar jekk it-truffa tirrizultax fil-konfront tas-socjetajiet imsemmija jew terzi wkoll din il-qorti ssib li hu difficilment hekk. Jista u din il-Qorti konvinta li l-imputat Tommaso Montalto misapproprja minn flus appartententi liz-zewg socjetajiet, ossia l-Galtom u s-St John, izda l-elementi kostituttivi tat-truffa fil-fehma taghha ma jirrizultawx la fil-konfront ta' dawn is-socjetajiet u lanqas xi terzi ohrajn. Kull addebitu dirett lejn l-imputat Montalto rigwardanti l-misapproprjazzjoni indebita, kif fuq intqal, hu ormai milqut bil-preskrizzjoni, b'dan li kull azzjoni tinsab ghaldaqstant estinta.

Inghad dan ghalhekk qeghdha tiddecidi ghal dawk li huma l-akkuzi prospettati mill-Avukat Generali tah l-artikolu 183, 184, 108(a), 42(d), 293 tal-Kap 9 kemm jekk diretti kontra xi whud mill-imputati jew kontra wiehed minnhom huma preskritti b'hekk li kull azzjoni tinsab estinta. Li ghal dak li hi l-akkuza ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 diretta kontra l-imputati Tommaso Montalto u Carmelo Gatt li ma tirrisultax u kwindi u konsegwentement tilliberha lill-dawn l-imputati minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------